MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 333/2014

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 1807/14MB**

**Elmein Limited (C17341)**

**vs**

**Paparukei Catering Limited (C8325)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Reuben Azzopardi li gie pprezentat nhar it-12 ta' Settembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi huwa jigi sid il-hanut l-isem ta' 'Beautiful Creatures' no 116 Triq Sir Patrick Stuart, Gzira. Illi dan huwa hanut ta' pet shop li assolutament ma ghandu x'jaqsam xejn mas-socjeta' debitrici, hlief ghall-fatt li xi sena ilu l-imsemmija socjeta kienet topera minn dana l-hanut.*

*Illi ghalhekk jidher car li s-socjeta' kreditrici erronjament u bi svista baghtet l-esekuzzjoni tal-mandat fl-indirizz li hija kellha precedentement liema ndirizz kif hawn qed jigi spjegat llum ma ghandux x'jaqsam mad-debituri;*

*Illi di fatti l-maraxxalli li esegwew il-mandat hadu nota ta' oggetti appartenenti l-pet shop propjeta' tal-esponenti;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu bir-rispett li jigi ordnat li l-oggetti indikati fil-mandat mill-marixalli jigu mehlusa u dana peress li kif inghad huma ma humiex id-debituri tas-socjeta' Elmein Limited."*

Rat ir-risposta ta' Elmein Limited li giet ipprezentata fit-18 ta' Settembru 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrent Reuben Azzopardi (ID. 316974M) hija proceduralment u legalment insostenibbli stante li m'hemmx*

*indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li fuqu qeghda tigi bazata t-talba promossa minnu;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-hsieb tar-rikorrent huwa li jattakka l-esekuzzjoni tal-mandat ezekuttiv fuq imsemmi huwa kellu jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors mahluf ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Bay Street Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et** (Rikors Numru 235/2009) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph R. Micallef fis-7 ta' April 2009: "Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf." Ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss mhuwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent Reuben Azzopardi, li huwa wkoll azzjonista fis-socjeta' intimata, naqas milli jgib prova li l-oggetti maqbuda huma proprjeta' tieghu, hekk kif trid il-ligi u kif ikkonfermat fis-sentenza I**t-Torri Interiors Limited et vs Renato Arcidiacono et** (Rikors Numru. 572/2001/1) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph Azzopardi nhar it-13 ta' Novembru 2006. L-unika prova li ressaq l-istess rikorrent, u cioe' it-Trade Certificate mahrug mit-Trade Licensing Unit, liema certifikat huwa llum il-gurnata **skadut**, m'huwiex prova sufficjenti skond il-ligi;*

4. *Illi izjed importanti minn hekk jinghad illi sal-lum il-gurnata, l-indirizz fejn sar l-esekuzzjoni tal-mandat surreferit, u cioe' numru 116, Triq Sir Patrick Stuart, Gzira, huwa l-indirizz kummercjali tas-socjeta' intimata* ***kif registrat mad-Dipartiment tal-VAT*** *(ara pagna 4 tad-dokument anness u mmarkat bhala Dok X);*

*Ghaldaqstant premess is-suespost is-socjeta' esponenti Elmein Limited titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti Reuben Azzopardi bl-ispejjez kontra tieghu u dan taht kull provvedimenti ohra illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi."*

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2014 fejn din il-Qorti kienet appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-5 ta' Novembru 2014.

Rat illi dakinhar tal-5 ta' Novembru 2014 ir-rikorrenti u l-avukat difensur tieghu ma dehrux u r-rikors gie differit ghat-3 ta' Dicembru 2014 sabiex jigu trattati l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata.

Rat illi dakinhar tat-3 ta' Dicembru 2014 deher l-avukat difensur tas-socjeta' intimata, l-avukat difensur tar-rikorrent rega' ma deherx u ghalhekk dan ir-rikors fuq talba tieghu gie differit ghal digriet *in difetto ostacolo* .

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti Reuben Azzopardi jghid li l-fond '*Beautiful Creatures'* fejn allegatament gie esegwit il-mandat ta' qbid numru 1807/14MB ma ghandu x'jaqsam xejn mas-socjeta' debitrici f'dak il-mandat hlief li allegatament sena ilu kienet topera minnu. Jghid li s-socjeta' kreditrici fil-fatt esegwiet il-pretensjoni taghha permezz tal-mandat ta' Qbid fuq imsemmi f'din il-proprjeta' li m'ghandhiex x'taqsam mal-intimat debitur imsemmi f'dak l-istess mandat tant li in effetti l-oggetti li gew maqbuda huma dawk li jinsabu f hanut ta' *pet shop* proprjeta' tar-rikorrent odjern u mhux proprjeta' tas-socjeta debtrici intimata f'dak il-mandat ta' Qbid fuq indikat u hu appuntu ghalhekk li r-rikorrent odjern permezz ta' dan ir-rikors promotur qed jitlob li l-oggetti hemm maqbuda ma jibqghux mizmuma bl-effett ta' dak il-mandat ta' Qbid numru 1807/14MB.

Is-socjeta' intimata f'dan ir-rikors apparti li rrilevat eccezzjonijiet ta' natura legali stqarret ukoll li r-rikorrent odjern ma gab l-ebda prova li l-oggetti maqbuda huma proprjeta' tieghu u mhux tas-socjeta' intimata debitrici tal-mandat ta' Qbid.

Illi mill-atti processwali jirrizulta *in primis* li s-socjeta' intimata eccepiet li t-talba tar-rikorrent mhix imsejsa fuq l-ebda disposizjoni tal-ligi u ghalhekk ghandha tigi rigettata u fit-tieni lok li r-rikorrent ma ottemporax ruhu mal-ligi dwar il-procedura li kellha tintuza sabiex jigi revokat mandat ezekuttiv.

Illi l-prattika stabilita, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'rikors maħluf.[1] Jinghad minnufih li r-rikors promotur imressaq f'din il-kawża, m'huwiex wieħed maħluf, u fil-fehma tas-

[1] Ara P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża '***Terranet Limited vs Linknet Limited et'***

socjeta' intimata jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabbilita fl-**Artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura**;

**L-artikolu 156 tal-kap 12 tal-ligijiet** ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-

**"**(1) *Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża*

*f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej*:

"*Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża*.

(2) *Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d- dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba*.

(3) *Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi konfermat bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament*.

(4) *L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom"*.

Hu prinċipju  stabbilit mill-Qrati taghna li fejn possibbli l-atti jiġu ssanati minħabba l-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex ma tiġix imfixkla l-ġustizzja minħabba formalita' żejda, aktar u aktar meta t-talba tista tiġi dedotta u mifhuma meta titqies fl-interita' tagħha.

Hekk kif inghad fis-sentenza '**Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi**' (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras fil-31 ta' Jannar 2003):

*"Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-fundamentum agenda taghha (Vol. XI p 401). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato*" (Vol. X p 926).

Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Schembri vs France Cutajar**' (Cit Nru: 479/95RCP deciza fit-30 ta' Jannar, 2001):

*"huwa principju stabbilit illi t-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 156 tal-Kap 12** ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni nnifsu u mhux minn "xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni"* (**Raymond Bezzina vs Anthony Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu 1998)

Dik il-Qorti kompliet:

*'Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi "il-formalizmu esagerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh* (**Charles Fino vs Alfred Fabbri noe** - A.C. 28 ta' Frar 1997; **Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et** - P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998; **Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar** - A.C. 31 ta' Mejju 1996).

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta' dak li ntqal fis-sentenza '**Michael Attard nomine vs Raymond Galea'** (A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar il-fatt li l-kawzali ta' citazzjoni trid tkun cara, distinta u msejsa fuq xi disposizjoni ta' ligi u mhux tkun talba bla raguni legali. Illi l-**Artikolu 156(1) tal-Kap 12** ma jittollerax konfuzjoni fit-talba f'citazzjoni, billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu' tpoggi lill-gudikant f'sitwazzjoni ta' ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwarha. Dan huwa konfermat bis-sentenza '**Joseph Tabone vs Joseph Flavia'** (A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li c-citazzjoni ghandu jkollha

tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "*dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu*."

Il-Qorti ittenni illi sabiex tigi ffissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata, wiehed irid ihares lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta.

Illi stabbilit lejn x'tip ta' ezami jehtieg ghall-Qorti biex tirrizolvi l-kwezit odjern, jinghad ukoll li l-Qorti hija a konoxxenza tal-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati entro d-dettami tal-ligi peress li r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta llum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali "- premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe esigenza ta' forma li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b'kull talba ghal kwalunkwe Dikjarazzjoni. (vide '**Mary Cosaitis vs Mario Muscat'** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fis-27 ta' Novembru 1990; '**Manuel Schembri vs France Cutajar'**, Cit Nru: 479/95RCP deciza fit-30 ta' Jannar, 2001)

Oltre dan meta tigi eccepita n-nullita' ta' att, il-Qorti tifhem li dik in-nullita' trid tolqot dak l-att innifsu u mhux b'referenza ghal xi azzjoni ohra li ttiehdet precedentement.

Infatti referenza ssir hawnhekk ghall-**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12** li huwa l-Artikolu li jirregola l-materja ta' nullita' ta' atti gudizzjarji.

L-**Artikolu 789 tal-Kap 12** jipprovdi is-segwenti:

"(1*) L-eċċezzjoni ta' nullita' tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*(a) jekk in-nullita hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita, kemm il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi*:"

Illi l-paragrafi (a) u (b) m'humiex relevanti ghal dan il-kaz. Il-paragrafi (c) u (d) jirreferu ghal difett li jkun fl-att gudizzjarju nnifsu li f'dan il-kaz huwa r-rikors promotur innifsu. Illi ghar-rigward tal-paragrafi l-ohra ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et'** fejn inghad:

"*Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut min-nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta* ("**Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri**" – P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".

Illi, mal-medda tas-snin, issawret it-tejorija maghrufa bhala "*tal-ekwipollenti*" *li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega l-ebda ghamla tassativa ta' forma ghall-proposizzjoni ta' azzjoni (**M. Muscat nomine vs Dr. J. Cassar et nomine** – P.A. 9 ta' Marzu 1965 – XLIX.ii.809) b'mod li citazzjoni ghandha titwaqqa' biss ghal ragunijiet gravi (**R. Merola proprio et vs S. Caruso** – A.C. 20 ta' Frar 1935 – XXIX.i.106*)".

Illi jinghad ukoll li fil-kaz ta' nullita' fejn hemm ksur ta' forma mehtiega, il-ligi tipprovdi (**Artikolu 789(1)(c)**) li din l-eccezzjoni tintlaqa' fejn, ghalkemm il-ksur ma jkunx taht piena ta' nullita', ikun gab lill-parti li resqet l-eccezzjoni pregudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux billi l-att jigi annullat.

Illi minn ezami akkurat ta' dan l-Artikolu jirrizulta anki b'mod ampju illi dan in-nuqqas ma jaqax fil-kategoriji imsemmija fis-subincizi tal-**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12** tal- Ligijiet ta' Malta u li ad ogni modo, huwa sanabbli u dana wkoll skond l-insenjament ta' dawn il-Qrati:

Illi biex "*citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx deficjenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu u sabiex dan isir tali citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha*" (**Guillaimier Industries Ltd vs Reginald Fava et** – deciza fit-28 ta' Ottubru, 1998 Cit. Nru. 831/97RCP u sentenza fl-ismijiet "**Ignatius Licari bhala stralcarju u ghan-nom tas-socjeta' Victor Estates Company Limited vs Anthony Cassar"**, deciza fit-12 ta' Dicembru 2001 per Onor Imh. R.C. Pace).

Jinghad ghalhekk li l-fatt li r-rikorrent ma kkonfermax ir-rikors bil-gurament kif rikjest mill-ligi bhala *sine qua non* jammonta ghan-nullita' tal-proceduri kif dispost fl-Artikolu 789 sub incizi (c) u (d) u dan ghaliex tali nuqqas jekwivali ghal vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi u b'hekk addirittura r-rikors huwa nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi. Illi apparti li s-socjeta' intimata ghandha ragun fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari taghha ta' natura legali, ghandha wkoll ragun fir-rigward l-eccezzjoni tal mertu li r-rikorrent ma gab l-ebda prova li l-oggetti maqbuda fil-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi numru 1807/14MB fl-ismijiet '**Elmein Limited (C17341) vs Paparukei Catering Limited (C8325)**' ma jappartjenux lis-socjeta' debitrici intimata f'dan l-istess mandat.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' intimata u b'hekk qieghda tichad it-talba rikorrenti.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------